## Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

### IL-PULIZIJA (SPETTUR NICHOLAS VELLA) V. PATRICK RYAN MC GAHERN (KI. 330205L)

### MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**20/06/2023**

IL-QORTI,

Rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra l-imputat:

**Lil Patrick Ryan Mc Gahern** **Bin N/A mwieled fit-08/01/1992 UK**
**u joqghod 182, Shamrock, Triq il-Friefet, Marsaskala**
**ID: 330205(L)**

**BILLI inti akkuzat/a** talli fit-22/11/2021 ghall-habta ta' 00:10 hrs, gewwa Triq Palma, Paola u f'dawn il-gzejjer Maltin, soqt vettura bin-numru tar-registrazzjoni EBP 273;

1. Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra, minghajr licenzja tas-sewqan **Sec 15(1)(a)(3), Chap. 65**
2. Uzajt, gieghelt jew hallejt lil persuna ohra tuza vettura bil-mutur fit-toroq, kemm il-darba, ghall-uzu tal-vettura minnek jew min dik il-persuna l-ohra, skond il-kaz, ma tkunx issehh polza ta` assigurazzjoni dwar ir-riskji ta` terzi persuni. **Sec. 3(1), Chap. 104**
3. Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra bi traskuragni. **Art. 15(1)(a)(3), Chap. 65**
4. Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra b`mod perikoluz. **Art. 15(1)(a)(2) Chap. 65**
5. Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra bla kont. **Art. 15(1)(a)(2) Chap. 65**
6. Meta kont involut f`incident tat-traffiku, nqast li tieqaf u taghti l-isem u l-indirizz tieghek, u/jew informazzjoni tas-sid tal-vettura, d-dettalji tal-assiguratur kif ukoll il-marka ta` registrazzjoni tal-vettura lill ufficjal tal-Pulizija, Gwardjan Lokali jew lil persuna li jkollha raguni bizzejjed li titlob li jsir hekk **Sec. 67(1), L.S. 65.11**

Semgħet u rat ix-xhieda miġjuba quddiemha u ċioe ix-xhieda ta' PC 885 Manuel Zammit (affidavit), Servolo Sciberras, Jasmine Fausel Attard u Brian Farrugia (Transport Malta).

Semgħet it-trattazzjoni finali.

Rat l-atti proċesswali.

Qed tagħti din is-

**Sentenza**

1. Jirriżulta mill-affidavit ta' **PC 885 Manuel Zammit** illi fit-22 ta' Novembru 2021 għall-ħabta tan-nofsillejl u għaxra ta' filgħodu, daħal ċertu Servolo Sciberras fl-Għassa tal-Pulizija ta' Raħal Ġdid sabiex jirrapporta "hit and run" fuq il-vettura tiegħu tal-għamla Landrover bin-numru ta' reġistrazzjoni HBV339, liema vettura kienet tinsab ipparkjata fi Triq il-Palma, Paola. PC 885 flimkien ma' PC 350 marru fuq il-lok tal-allegat inċident u ħadu stqarrija tal-istess Servolo Sciberras li spjega kif xi għaxar minuti qabel filwaqt li kien fir-residenza tiegħu numru 129, Triq il-Palma, Paola, huwa sema' ħoss u meta ħareġ fil-gallarija ra vettura imwaħħla mal-karozza tiegħu fis-sens illi l-*bumper* ta' wara tal-vettura tat-terz kienet qed tmiss il-*bumper* ta' quddiem tal-karozza tiegħu. It-terz telaq minn fuq il-post. L-istess Sciberras stqarr mal-Pulizija illi l-vettura l-oħra kienet griża u li meta niżel ħdejn il-karozza tiegħu huwa sab *number plate* mgħaffeġ mal-art maġenb l-istess karozza, liema *number plate* kien jaqra EBP273.

   Fil-kors tal-investigazzjonijiet tagħhom il-Pulizija għamlu kuntatt ma' sid il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni EPB273, ċertu Daniel Mc Gahern illi ġie interrogat fl-Għassa tal-Pulizija tal-Fgura. Dan filkwaqt li kkonferma li l-vettura kienet reġistrata f'ismu madanakollu ċaħad li kien qed isuq il-vettura fid-data, ħin u lok in kwistjoni u stqarr illi filfatt din kienet inxtrat mill-imputat Patrick Ryan Mc Gahern fid-9 ta' Novembru 2021.

   Il-Pulizija ħadet l-istqarrija tal-imputat Patrick Ryan Mc Gahern li wara li ngħata d-debita kawtela u ffirma dikjarazzjoni ta' rinunzja għal ċertu drittijiet legali stqarr illi kien hu li kien qed isuq il-vettura fid-data, ħin u lok in kwistjoni. Huwa stqarr illi: "*Bejn wiehed u iehor kont qieghed ipparkjat wieqaf fil- ġenb fit- triq il- Palma, Paola, fuq in- naha tax- xellug. F'daqqa wahda kif qbadt naqla u bdejt tiela il- fuq it- telgha hassejt daqqa fuq il- bumper ta' wara u kif harist fil- mirja tal- gnub kull ma rajt dawl qawwi. Jien imbghad soqt bicca zghira il- quddiem biex nara jekk id- daqqa kienitx apposta jew le. Ezatt kif dort il- kantuniera, liema kantuniera ma niftakarx liem kienet, kien hemm ir- roadblock tal- pulizija u tac- cid's u dawn baqaw jghajjtuli biex nibqa nsuq u imbghad waqaft fl- istess triq fejn kien hem ir- roadblock ftit l- isfel u hrigt mill- karozza u bdejt nara id-*

*daqqa ta wara*". Mistoqsi minn PC 885 jekk kienx laqat vettura ta' għamla Landrover fi Triq il-Palma, Paola, fit-22 ta' Novembru ghall-habta ta' 00:10hrs, l-imputat wieġeb li ma kienx jaf u lanqas ma' kien sema lil xi ħadd jgħajjatlu bil-kliem "uw, uw".

Meta l-imputat ġie mistoqsi sabiex jippreżenta l-liċenzja tas-sewqan irriżulta li dan ma kellux waħda. F'dan ir-rigward l-imputat stqarr illi kellu l-liċenzja sospiża għal xi 8-10 ijiem fl-2013 u f'Ottubru 2018 kellu sentenza oħra li permezz tagħha l-liċenzja tas-sewqan ġiet sospiża għal ġimgħa. PC 885 qal fl-affidavit tiegħu madanakollu illi minn stħarriġ li għamel ma Transport Malta rriżulta illi l-imputat qatt ma kellu liċenzja tas-sewqan.

2. Fis-seduta tal-14 ta' Ġunju 2022 xehed **Servolo Sciberras** li essenzjalment ikkonferma dak li kien stqarr lill-Pulizija, kif rappurtat fl-affidavit ta' PC 885.

3. Fl-istess seduta xehed **Brian Farrugia** għal Transport Malta li kkonferma li l-vettura Volkswagen Golf ta' lewn *silver* bin-numru ta' reġistrazzjoni EBP 273, fid-data tal-inċident, kienet reġistrata fuq Daniel Mc Gahern bin-numru tal-identita' 288199M. Ikkonferma ukoll illi minn riċerka li wettaq fir-*records* tal-Awtorita' irriżultalu illi l-imputat m'għandux liċenzja tas-sewqan.

4. L-imputat għażel li ma jixhidx u li ma jressaqx xhieda.

5. Fit-trattazzjoni tiegħu l-abbli avukat difensur tal-imputat talab lill-Qorti sabiex tiddikjara inammissibbli l-istqarrija tal-imputat peress illi skond hu ma jirriżultax mill-atti x'kienu d-drittijiet legali li allegatament ingħataw lill-imputat fil-*letter of rights.*

6. F'dan ir-rigward l-Art. 534AB(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi kif ġej:

> **"(3) Huwa d-dmir tal-Pulizija li minnufih tipprovdi lill-persuna arrestata jew detenuta lttra bi Drittijiet kif elenkata fl-Iskeda E u l- Pulizija għandha tagħti lill-imsemmija persuna l-opportunità li taqraha u li żżommha fil-pussess tagħha waqt li tkun detenuta. L-Ittra bi Drittijiet għandha tkun miktuba f 'lingwa li l-persuna tifhem ...**

**(4) L-informazzjoni pprovduta skont dan l-artikolu għandha tinżamm mill-Pulizija jew mill-Qorti skont il-każ.”**

7. L-Ittra bi Drittijiet kif elenkata fl-Iskeda E essenzjalment tipprovdi f'iktar dettal informazzjoni dwar id-drittijiet elenkati taħt l-Art. 534AB(1) u ċioe:

**“(a) id-dritt ta' aċċess għal avukat;**

**(b) kull dritt għal parir legali mingħajr ħlas u l-kundizzjonijiet għall-kisba ta' dak il-parir;**

**(ċ) id-dritt li jkun infurmat b'mod dettaljat kif neċessarju sabiex jiġi salvagwardjat li jkun hemm proċedura ġusta u l-eżerċitar effettiv tad-drittijiet tad-difiża għar-reat li jkun twettaq mill-persuna suspettata jew l-akkużat: Iżda l-persuna suspettata jew l-akkużat għandhom minnufih jiġu infurmati dwar xi tibdil li jkun sar fl-informazzjoni li tkun ingħatat skont dan l-artikolu fejn ikun neċessarju sabiex jiġi salvagwardjat li jkun hemm proċedura ġusta;**

**(d) id-dritt għall-interpretazzjoni u traduzzjoni;**

**(e) id-dritt li jibqa sieket;**

**(f) id-dritt li terza persuna tiġi infurmata dwar it-tiċħid tal-libertà tal-persuna suspettata jew akkużata;**

**(g) id-dritt li tikkomunika ma' terzi persuni u mal-awtoritajiet konsulari meta l-persuna suspettata jew akkużata tkun imċaħħda mil-libertà tagħha;**

**(h) id-dritt li tkun tista' tikkonsulta ma' tabib;**

**(i) jekk il-persuna suspettata jew akkużata tkun illitterata, id-dritt li jkollha l-Ittra ta' Drittijiet moqrija u spjegata lilha.”**

8. L-argument tad-difiża huwa illi l-istqarrija tal-imputat hija inammissibbli għaliex ma jirriżultax mill-atti x'kienu d-drittijiet legali li ngħataw lill-imputat fil-*letter of rights*. Il-Qorti ma taqbilx ma dan l-argument stante illi mill-provi ħareġ b'mod suffiċjenti illi qabel ma ta l-istqarrija tiegħu l-imputat *"ġie mogħti ittra bid-drittijiet legali kif ukoll id-dritt li jikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tiegħu".* Fl-ebda stadju matul il-kors tal-provi ma kien hemm xi kontestazzjoni dwar din l-ittra u l-Qorti m'għandhiex għalfejn tiddubita li din l-ittra hija b'xi mod differenti minn dak li tipprovdi għalih il-liġi. Fir-rigward tad-dikjarazzjoni tar-rinunzja, il-Qorti fliet id-dokument li ġie ffirmat mill-imputat fil-presenza tax-xhieda PC 885 u PC 350 (li ffirmaw it-tnejn li huma) fl-Għassa tal-Pulizija tal-Fgura li jaqra kif ġej:

> Meta jiena Patrick Ryan Mc Gahern detentur tal-karta ta' l-identita 330205L gejt mitkellem in konnessjoni ma' reat rigward ta' HIT AND RUN u reati ohra li jistgħu johorgu matul il-kors ta' din l-investigazzjoni u gejt informat minn PC 885 li jien ghandi il-jedd, jekk hekk nitlob, li qabel ma issirli xi interogazzjoni nithalla kemm jista jkun malajr privatament ma' avukat jew prokuratur legali, wicc imbwicc jew bit-telefon ghall mhux aktar minn siegha zmien, jew il-prezenza tal-avukat waqt l-interrogazzjoni innifisha u ghaldaqstant qieghed niddikjara li jiena qieghed **nirrinunzja** milli nezercita' dawn id-drittijiet.

Din id-dikjarazzjoni tidher li ġiet redatta skond kif titlob il-liġi fl-Art. 355. AUA(6) tal-Kap. 9. Għalhekk il-Qorti tqis li l-istqarrija tal-imputat hija waħda legalment ammissibbli.

9. Mix-xhieda prodotta, kif fuq elenkat, jidher biċ-ċar illi fid-data, ħin u lok indikati fil-komparixxi l-imputat kien qiegħed isuq il-vettura tal-għamla Volkswagen bin-numru ta' reġistrazzjoni EBP 273 mingħajr ma kien fil-pussess tal-liċenzja tas-sewqan. Għalhekk l-ewwel imputazzjoni tirriżulta ppruvata.

10. Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, ossia dik dwar is-sewqan mingħajr polza tal-assigurazzjoni li tkopri r-riskji tat-terzi oltre che li issa ormai hija ġurisprudenza assodata tal-Qorti tal-Appell Kriminali[1] illi s-sewwieq li jkun akkużat bir-reat ravviżat taħt l-Art. 3(1) tal-Kap. 104 irid jipprova illi huwa kien **<u>personalment</u>** kopert taħt il-polza tal-assigurazzjoni maħruġa għall-użu tal-vettura minnu, jirriżulta mill-atti illi l-imputat ma ressaq l-ebda provi f'dan ir-rigward tant illi lanqas biss esebixxa l-polza tal-assigurazzjoni, minkejja li kien jinkombi fuqu li jagħmel dan ai termini tal-Art. 3(1A) tal-Kap. 104. Għaldaqstant anke din it-tieni imputazzjoni tirriżulta li ġiet ippruvata.

11. Mhux l-istess jista' jingħad għall-bqija tal-imputazzjonijiet peress illi effettivament la mill-istqarrija tal-imputat u lanqas mix-xhieda ma jirriżulta sal-grad rikjest mill-liġi illi kien hu illi daħal fil-vettura Landrover bin-numru ta' reġistrazzjoni HBV339. Għalhekk dawn ma jirriżultawx sodisfaċentement ippruvati.

**Deċiżjoni**

**Għar-raġunijiet msemmija wara li rat l-artikoli relevanti tal-liġi ossia' l-Art. 3(1) tal-Kap. 104 u l-Art. 15(1)(a) tal-Kap. 65, il-Qorti issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet numru wieħed u tnejn filwaqt li tilliberah mill-bqija tal-imputazzjonijiet, u tikkundannah iħallas multa fl-ammont totali ta' tlett elef euro (€ 3,000). B'żieda mal-piena l-Qorti qegħda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Art. 3(2A) tal-Kap. 104 u tal-Art. 15(3) tal-Kap. 65 u tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien tlettax-il xahar.**

**V.G. Axiak** | **Y.M. Pace**
**Maġistrat** | **Dep. Reġistratur**

[1] Ara fost oħrajn **<u>Il-Pulizija v. Mohamad Knaan</u>** (Appell Numru: 479 / 2022 CSH, 7 ta' Frar 2023) u **<u>Il-Pulizija v. Xemizin McKay</u>** (Appell Numru 423/2022 EG, 24 ta' Mejju 2023),